


# Kors dwar Sigurta` u Regoli ta' Ttestjar

Rapport ippreparat mill-imsieħba f'Safety4El minn CY, DK, ES, MT u UK

Proġett: Safety4El

Sigurta` aħjar għall-elettrixins

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



Is-sapport tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jfissirx li hemm qbil dwar il-kontenut li jirrifletti biss il-fehma tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni tal-materjal kontenut.

# Taħriġ dwar sigurtà u ittestjar ta' elektrixins fil-pajjiżi parteċipanti

Awtur għad-Danimarka: William W. Lynge
Awtur għar-Renju Unit: Russell Tucker
Awtur għal Ċipru: Dr Stylianos Hirodonti
Awtur għal Spanja: Jokin Goyoaga
Awtur għal Malta: Marjohn Demanuele

**Daħla**

Sabiex tilħaq elektrixin tas-sengħa f'kull pajjiż parteċipant trid tgħaddi minn xi forma ta' edukazzjoni formali. Dan il-proġett ser juża is-sistema Brittanika bħala referenza u jqabbel is-sistemi tal-pajjizi l-oħra magħha. Sabiex nagħmlu hekk ser noħorġu b'lista dwar it-tul ta' żmien, il-livell u l-objettivi tal-pajjiżi differenti fit-tabella hawn taħt b'mod partikolari dwar is-saħħa u s-sigurtà. Il-pajjiżi kollha huma rregolati b'xi forma ta' regolamenti Ewropej komuni, imma jista' jkun hemm xi differenzi fuq livell nazzjonali. L-omm ta' kull regolamentazzjoni hi msejsa fuq HD 60 364 (i.e. BS 671).

| | **Sistema edukattiva Daniża** |
|---|---|
| Żmien ta' taħriġ | 4 Snin; 55 ġimgħa l-iskola u 153 ġimgħa fuq il-post tax-xogħol, jew<br>4 snin u nofs; 60 ġimgħa l-iskola u 174 ġimgħa fuq il-post tax-xogħol. |
| Sistema vokazzjonali (VET) | Il-programmi Daniżi VET għandhom sistema li jalaternaw, jiġifieri li l-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ jalternaw bejn edukazzjoni u taħriġ l-iskola u żmien ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol f'intrapriża.<br><br>Is-sistema edukattiva Daniża hija bbażata fuq kompetenzi, u l-learning outcomes huma deskritti bħala objettivi tal-kompetenzi. Dawn l-objettivi huma maqsuma f'learning outputs speċifiċi. Sal-ewwel sena, l-istudenti huma mistennija li jġibu numru ta' ċertifikati u numru ta' learning outputs komuni. Imbagħad l-istudenti jistgħu jispeċjalizzaw u jridu jagħżlu tal-anqas erba' moduli li jdumu erba' ġimgħat kull wieħed. Hemm 33 modulu differenti mnejn wieħed jagħżel. Hemm progressjoni speċifika fil-moduli, jiġifieri l-istudenti jridu jagħżlu tal-anqas modulu minn 9 moduli (bażiċi). Wara l-istudenti jistgħu jagħżlu minn moduli oħrajn ta' kompetenza ogħla. |
| Livell ta' Taħriġ | Livell 3-4 EQF |
| Kontenut (l-objettivi tal-kompetenzi) | L-objettivi totali taħt it-titlu ta' Sigurta u Ambjent tax-Xogħol huma kif ġej:<br>L-istudent għandu jkollu kompetenza bażika biex:<br>- Jagħżel materjal li hu tajjeb għall-ambjent f'installazzjonijiet domestiċi u |

| | |
|---|---|
| relatat ma' saħħa u sigurtà | jużah sew skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.<br>- Jagħmel xogħol b'mod sigur u ambjentalment responsabbli skont ir-regoli applikabbli, li jinkludi s-sigurtà ta' nies, annimali u propjetà sabiex ma jinħolqux perikli u ħsarat mill-użu tal-installazzjoni tal-elettriku.<br>- Jagħmel xogħol ħdejn u fuq sistemi tal-elettriku ħaj u mejjet fi djar fuq kejbils u apparat li jidditribwixxi l-elettriku.<br>- Jaħdem b'tali mod li jsegwi l-liġijiet, regoli u prattiċi tajba skont ix-xogħol li jkun qiegħed jagħmel. |
| Learning Outputs | L-istudent:<br>- ikollu ħila juża u jieħu ħsieb l-għodda u l-instrumenti sew meta jaħdem fuq installazzjonijiet ta' vultaġġ kemm baxx u kemm għoli<br>- ikollu ħila joffri l-ewwel għajnuna bażika waqt inċidenti u mard, li jitfi nar żgħir, li jżomm milli jinfirex in-nar skont il-liġijiet, regoli u standards<br>- ikollu għarfien bażiku tal-prattiċi tas-sengħa u tal-użu tal-ilbies tas-sigurtà inkluż il-pożizzjonijiet ergonomiċi ta' meta jerfa' u jġorr piżijiet<br>- ikollu ħila jaħdem b'mod sigur minn perikli u ħsara li tista' tinqala' minn użu normali tal-installazzjoni tal-elettriku għan-nies, annimali u propjetà tal-madwar, mingħajr ħsara għall-ambjent skont ir-regoli li japplikaw<br>- ikollu ħila jaħdem fuq installazzjoni tal-elettriku ħajja jew mejta fi djar u f'bini ieħor taħt istruzzjoni u superviżjoni<br>- ikollu ħila jaħdem b'mod sigur u ekonomikament tajjeb fuq biċċiet ta' xogħol żgħar<br>- ikollu ħila kemm waħdu jew waħeda jew f'għajnuna ma' oħrajn, jarma, iżarma jew iċaqlaq trestle scaffolding<br>- ikollu għarfien tar-regolamenti applikabbli, ikun jaf juża u jaħdem b'sustanzi kimiċi li jintuzaw f'xogħol tal-installazzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur<br>- ikun jaf jagħmel xogħol fuq jew ħdejn apparat u installazjonijiet tal-eletriku skont kif jitolbu r-regolamenti u l-proċeduri sabiex ma jinħoloqx periklu għan-nies, il-post tax-xogħol u x-xogħol li jkun għaddej.<br>- ikollu ħila juża għodda li ttajjar ix-xrar (bħal grinder, saldatur, blower ta' arja taħraq) teknikament sew. |
| Ċertifikati | - Ċertifikat tal-L-AUS(xogħol ħdejn jew fuq installazzjoni ħajja)-jew "Ċertifikat ta' Xogħol fuq Sistema Hajja" skont EN 50110-1(Xogħol fuq installazzjonijiet ħajja).<br>- Ċertifikat tal-Ewwel Għajnuna<br>- Ċertifikat ta' kors bażiku tat-tifi tan-nar (livell bażiku skont id-Danish Institute of Fire and Security Technology)<br>- Ċertifikat tal-armar tal-iscaffolding (maħruġ mid-Danish Working Environment Authority) |

| | |
|---|---|
| Korsijiet oħra | - Darba fis-sena l-impjegati jridu jġeddu ċ-ċertifikat tal-AUS. (mhux mandatorju, imma din il-prattika hi aċċettata mill-kumitat tas-sengħa). |

| | |
|---|---|
| | **Is-sistema edukattiva Maltija** |
| | Kull min jaħdem ta' elektrixin irid iġib liċenzja (Awtorizazzjoni). Hemm żewġ tipi ta' liċenzja: A u B. Il-liċenzja għall-wireman A tiswa biex elektrixin jaħdem xogħol f'ambjent domestiku (jew single phase), filwaqt li l-liċenzja B tiswa biex elektixin jaħdem xogħol f'ambjent industrijali sa 300A. |
| Żmien ta' taħriġ | Sistema bażika ta' tagħlim sabiex tikkwalifika għall-liċenzja A hija kors ta' 150 siegħa bi preparazzjoni għall-eżami u kors ta' 230 siegħa bi preparazzjoni għall-eżami għall-liċenzja B. Wara l-eżamijiet ikun hemm intervista u wara perjodu ta' esperjenza ta' xogħol jkun hemm intervista oħra mill-awtorità REWS (Regulator for Energy and Water Systems). |
| Sistema vokazzjonali | L-awtorizazzjoni tal-elektrixin hi maħruġa mir-Regolatur għas-Sistemi ta' Enerġija u Ilma (REWS) fuq rakkomadazzjoni tal-board tekniku (maħtur mill-ministru tal-edukazzjoni) lill-persuni li:<br><br>• Għaddew b'suċċess mill-eżami ta' wireman tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, jew li jipprovdu kwalifiċi ekwivalenti approvati mir-Regolatur.<br>• Għandhom minn tal-anqas 18-il sena<br>• Għamlu total ta' 12-il xahar ta' esperjenza fuq xogħol ta' installazzjoni tal-elettriku għall-awtorizazzjoni A u 24 xahar esperjenza għall-awtorizazzjoni B.<br><br>Sabiex toħroġ l-awtorizazzjoni ikun hemm bżonn dan li ġej:<br><br>• Ċertifikati ta' kwalifiki u riżultati, jew skont il-każ, ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCHFE)<br>• Ittra li tirrikonoxxi l-esperjenza ta' xogħol mingħand elektrixin kwalifikat b'awtorizazzjoni A jew B jew inġinier tal-elettriku b'warrant, jekk l-applikant qiegħed japplika għall-liċenzja A, jew elektrixin kwalifikat b'awtorizazzjoni B jew inġinier tal-elettriku b'warrant, jekk l-applikant qiegħed japplika għall-liċenzja B. |
| Livell tat-taħriġ | Liċenzja A Livell 3 EQF<br>Liċenzja B Ogħla minn livell 3 imma ma taqbiżx il-livell 4 EQF |

| | |
|---|---|
| Kontenut (l-objettivi tal-kompetenzi) relatat ma' saħħa u sigurtà | Part mis-sillabu tal-Liċenzja A, relatat mas-saħħa u s-sigurtà.<br>3. Ħtieġa tas-sigurtà, immaniġġjar ta' għodda u apparat, prekawzjonijiet u proċeduri.<br>4. L-Ewwel Għajnuna.<br><br>Part mis-sillabu tal-Liċenzja B, relatat mas-saħħa u s-sigurtà.<br>2. Sigurtà fix-xogħol tal-elettriku<br>i. Iddeskrivi l-prekawzjonijiet li trid tieħu meta taħdem fuq jew ħdejn apparat tal-elettriku ħaj.<br>ii. Iddeskrivi x'għandek tagħmel f'każ li persuna tweġġa'.<br>iii. Iddeskrivi kif għandek tagħmel ir-rapport.<br><br>3. Sigurtà fl-Immaniġġjar ta' Nar<br>1. Prevenzjoni tan-nar.<br>(a) Il-kundizzjonijiet li joħolqu nar<br>(b) Metodi ta' kif timmaniġġja tipi differenti ta' nar<br>2. Tipi ta' ċilindri tat-tifi tan-nar u kif tużahom sew.<br>3. Periklu minn dħaħen u rwejjaħ tossiċi u l-materjali li jipproduċuhom. |
| Topiks oħra fis-sillabi tal-liċenzja A u B | Liċenzja A<br>(1) Teorija<br>• Ċirkwiti bil-kurrent dirett (DC)<br>• Tariffi domestiċi u kontijiet tal-enerġija<br>• Effiċjenzi ta' apparat li jsaħħan u makkinarju<br>• Kapasiters<br>• Manjetiżmu<br>• Strumenti tal-elettriku<br>• Transformers<br>• Teorija tal-kurrent alternanti (Series)<br>• Illuminazzjoni<br><br>(2) Teknoloġija<br>• Tifi ta' nar u l-ewwel għajnuna bażika<br>• Materjali<br>• Ġonot u terminazzjoni<br>• Metodi ta' installazzjoni u aċċessorji<br>• Protezzjoni taċ-ċirkwiti<br>• Appart li jsaħħan<br>• Tqassim tas-sistema elettrika<br>• Sekwenza ta' kif tiġi konnessa s-sistema ta' barra u s-sistema fuq ġewwa.<br>• Sistemi ta' earthing<br>• Ċirkwiti li jintużaw fl-installazzjoni |

| | |
|---|---|
| | • L-ogħla domanda u diversità fl-elettriku<br>• Daqs tal-conduit, trunking u qies tal-wajer<br>• Sistemi ta' vultaġġ baxx<br>• Kmamar tal-banju, siti tal-kostruzzjoni, karavans u installazzjonijiet temporanji<br>• Testijiet u inspezzjonijiet<br>• Ċertifikazzjoni<br><br>Liċenzja B<br>(1) Teorija<br>• Effetti tat-temperatura fuq ir-reżistenza<br>• Il-liġijiet ta' Kirchoff<br>• Teorija tal-kurrent alternanti (paralleli)<br>• 3 Phase u korrezzjoni ta' power factor<br>• Tariffi industrijali tal-elettriku<br>• Transformers<br>• Muturi DC<br>• Muturi ac asinkronati<br>• Rektifikaturi<br><br>(2) Teknoloġija<br>• Sigurtà fuq nar u xogħol fl-elettriku<br>• Sistemi ta' wajering u installazzjonijiet speċjali<br>• Installazzjonijiet ta' kejbils u protezzjoni tas-sistemi tal-elettriku<br>• Distribuzzjoni<br>• Instrumenti ta' kejl ta' kwantitajiet elettriċi<br>• Istallazzjonijiet ta' makkinarju u sistemi ta' starters b'vultaġġ imnaqqas.<br>• Ittestjar u spezzjonijiet |
| Ċertifikati | - Elektrixins awtorizzati għandhom ikollhom liċenzja A għal xogħol domestiku (1 phase), u liċenzja B għal xogħol industrijali (3 phase). |
| Korsijiet oħra | - Kif inhi s-sistema bħalissa, persuna tista' tagħmel l-istudju tagħha waħeda. Hemm numru ta' korsijiet oħra, l-aktar l-MCAST u istituzzjonijiet privati oħra, li jħejju studenti għall-eżami tal-liċenzja. |

| | **Is-sistema edukattiva Spanjola** |
|---|---|
| Żmien ta' taħriġ | Sentejn (2000 siegħa); 1620 siegħa fi skola u 380 siegħa fuq post tax-xogħol. |
| Sistema vokazzjonali | Is-sistema vokazzjonali Spanjola hi msejsa fuq kompetenzi, u l-learning outcomes huma deskritti f'kompetenzi, ħiliet u objettivi tal-kompetenzi. Dawn l-objettivi huma mqassma f'learning outputs speċifiċi. |

| | |
|---|---|
| | It-taħriġ vokazzjonali Spanjol hu mqassam f'erba' komponenti:<br>• Sistema edukattiva ġenerali li hi mmirata li tiżviluppa ħiliet komuni, atitudnijiet u kultura ġenerali.<br>• Taħriġ professjonali bażiku li hu mmirat lejn żvilupp ta' ħiliet u għarfien teknoloġiku-xjentifiku bażiku relatat ma' grupp ta' professjonisti jew professjonijiet.<br>• Taħriġ speċifiku ta' ħiliet u tagħlim aktar avvanzat li jista' jintuża kemm f'din il-professjoni u anke f'oħrajn.<br>• Taħriġ professjonali fuq il-post tax-xogħol, lejn kisba ta' ħiliet u għarfien ta' sengħa speċifika waqt programm ta' apprendistat f'post tax-xogħol. |
| Livel tat-taħriġ | Livell 3 EQF |
| Kontenut (l-objettivi tal-kompetenzi) relatat ma' saħħa u sigurtà | L-objettivi ġenerali taħt it-titlu ta' "Saħħa u Ambjent tax-Xogħol" huma deskritti kif ġej:<br>L-istudent għandu jkollu kompetenza bażika li:<br>• Jarma u jieħu ħsieb istallazzjoni tal-elettriku ta' vultaġġ baxx, muturi tal-elettriku u sistemi awtomatiċi, japplika l-leġislazzjoni kurrenti, u jimxi skont protokolli ta' kwalità, sigurtà u riskji ta' xogħol, b'tali mod li jiggarantixxi l-funzjoni tagħhom u b'rispett lejn l-ambjent. |
| Learning outputs | L-istudent:<br>• Iħares ir-regolamenti dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol u l-ħarsien tal-ambjent u li jidentifika riskji, jieħu miżuri biex iħares minnhom fosthom b'użu ta' apparat addattat.<br>• Filwaqt li jagħraf it-tip ta' assistenza meħtieġa, ikun kapaċi jiddetermina x'azzjoni għandu jieħu skont is-Servizz tas-Saħħa ta' Spanja.<br>• Jeżamina r-riskji li joriġinaw mill-attività, janalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-riskji assoċjati ma' fejn qiegħed isir ix-xogħol tiegħu jew tagħha.<br>• Jieħu sehem fl-iżvilupp ta' pjan kontra r-riskji f'kumpanija żgħira filwaqt li jidentifika r-responsabiltajiet tal-partijiet involuti.<br>• Japplika miżuri ta' prevenzjoni u ħarsien u janalizza sitwazzjonijiet riskjużi fix-xogħol ta' tekniku f'istallazzjonijiet elettriċi u awtomatiċi. |
| Ċertifikati | "Certificado de Cualificación Individual en Baja Tensión", li jfisser "Ċertifikat Individwali għal Xogħol fuq Vultaġġ Baxx"<br><br>"Certificado de formacion de Nivel Basico en Prevencion de Riesgos Laborales", li jfisser "Ċertifikat Bażiku għall-Ħarsien mir-Riskji tax-Xogħol" |

| | |
|---|---|
| Korsijiet oħrajn | Ma hemm ebda kors mandatorju. |

| | **Is-sistema edukattiva fir-Renju Unit** |
|---|---|
| Żmien ta' taħriġ | Erba' snin; 726 siegħa (tagħlim iggwidat) fil-kulleġġ u 5500 siegħa jew 164 ġimgħa taħriġ fuq post tax-xogħol. |
| Sistema vokazzjonali | Il-programmi vokazzjonali fis-sistema tar-Renju Unit jalternaw, jiġifieri li l-attivitajiet edukattivi u t-taħriġ jalternaw bejn edukazzjoni u taħriġ l-iskola u fuq il-post tax-xogħol.<br><br>L-apprendistat fir-Renju Unit fih erba' partijiet.<br>• L-istudent ikun irid li jkollu livell 3 EQF (2 QCF) fil-Matematika, l-Ingliż u Teknoloġija tal-Informatika.<br>• Iġib Knowledge based Technical Diploma livell 4 EQF (3QCF) magħmula minn tmien moduli.<br>• Iġib National vocational Qualification livell 4 EQF (3QCF) magħmula minn ħames moduli<br>• Iġib l-AM2 a synoptic end point assessment, li hu ppreparat minn entità esterna u indipendenti. |
| Livell tat-taħriġ | Livell 4 EQF (3QCF) |
| Kontenut (l-objettivi tal-kompetenzi) relatat ma' saħħa u sigurtà | NETK3-01. Ifhem konsiderazzjonijiet ta' Saħħa, Sigurtà u Ambjent.<br>Għan tal-Junit: Li jipprovdi lill-istudent bil-fehim tal-leġislazzjoni relevanti dwar saħħa u sigurtà, prattiċi u proċeduri kull meta jsir xogħol ta' installar jew manutenzjoni ta' apparat jew sistemi tal-elettriku. L-għarfien mgħoddi f'dan il-junit isaħħah b'mod prattiku l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar saħħa u sigurtà, prattiċi u proċeduri.<br><br>1. Jifhem/tifhem kif leġislazzjoni relevanti tapplika fuq il-post tax-xogħol<br>2. Jifhem/tifhem il-proċeduri kif persuna taġixxi f'sitwazzjonijiet ambjentali u ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.<br>3. Ikun/tkun kapaċi j/tħaddem u j/tifhem il-proċeduri sabiex jiġi stabbilit ambjent tax-xogħol sigur.<br>4. Jifhem/tifhem ir-regoli sabiex j/tidentifika u j/taħdem fuq perikli ta' ambjent tax-xogħol. |
| Learning outputs | 1.1 Identifika r-rwoli u r-responsabiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-leġislazzjoni ta' saħħa u sigurtà.<br>1.2 Identifika r-rwoli u r-responsabiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-leġislazzjoni ambjentali kurrenti.<br>2.1 Semmi x'proċeduri persuna għanda tieħu f'każ ta' inċident fejn persuna tweġġa', b'mod partikolari għal trattament f'każ ta' xokk elettriku.<br>2.2 Speċifika il-proċeduri adattati li fuqhom persuna għandha timxi f'każ ta' emerġenza fuq il-post tax-xogħol. |

| | |
|---|---|
| | 2.3 Semmi x'azzjonijiet għandhom jittieħdu f'sitwazzjonijiet fejn il-każ jaqbeż il-limiti tar-responsabbiltà tal-persuna dwar is-saħħa u s-sigurtà.<br>2.4 Speċifika liema huma l-persuni responsabbli li lilhom għandhom jiġu rappurtati kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà.<br>2.5 Iddeskrivi b'liema mod l-ambjent jiġi affettwat mix-xogħol li jkun qiegħed isir.<br>2.6 Spjega ir-regoli kurrenti u l-prattiċi korretti ta' kif jiġi pproċessat l-iskart fuq il-post tax-xogħol.<br>2.7 Spjega għaliex hu importanti li jiġi rrappurtat kull periklu għall-ambjent li jista' jinħoloq fuq il-post tax-xogħol.<br>3.1 Semmi l-proċedura biex isir assessjar tar-riskju u d-dikjarazzjoni tal-metodu skont il-livell ta' responsabbiltà.<br>3.2 Iddeskrivi l-proċeduri li jridu jittieħdu sabiex jitneħħew jew jitnaqqasu r-riskji qabel jiġi deċiż liema ilbies prottettiv għandu jintuża.<br>3.3 Semmi l-iskop tal-ilbies protettiv.<br>3.4 Speċifika liema ilbies protettiv u apparat hemm bżonn għal ċertu xogħol partikolari.<br>3.5 Semmi kif skont ir-regoli tas-saħħa u s-sigurtà, liema faċilitajjiet tal-ewwel għajnuna hemm bżonn li jkunu fuq il-post tax-xogħol.<br>3.6 Spjega għaliex hu importanti li ma tużax ħażin apparat u oġġetti tal-ewwel għajnuna u li terġa' timla b'oġġetti ġodda dawk li tkun użajt.<br>3.7 Iddeskrivi u uri l-użu ta' prattiċi u proċeduri ta' sigurtà fl-użu ta' materjal u apparat fil-post tax-xogħol.<br>3.8 Speċifika u uri l-proċeduri sabiex tiżgura li s-sistemi tal-elettriku huma siguri biex taħdem fuqhom.<br>3.9 Semmi l-implikazzjonijiet<br>• Jekk tagħmel proċedura sigura sabiex tiżola.<br>• Jekk ma tagħmilx proċedura sigura sabiex tiżola.<br>4.1 Identifika simboli ta' periklu fuq konteninturi u tabelli ta' sustanzi perikolużi.<br>4.2 Iddefinixxi x'jfisser periklu skont il-liġi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.<br>4.3 Identifika perikli partikolari assoċjati ma' installazzjoni u tiswija ta' sistemi u apparat tal-elettriku.<br>4.4 Iddeskrivi sitwazzjonijiet li jistgħu joħolqu periklu fuq il-post tax-xogħol.<br>4.5 Spjega prattiċi u proċeduri sabiex nitħarsu mill-perikli fuq il-post tax-xogħol.<br>4.6 Identifika ċ-ċilindru tat-tifi tan-nar it-tajjeb biex jintuża fuq tip partikolari ta' nar.<br>4.7 Spjega sitwazzjonijiet fejn tista' tiltaqa' ma' asbestos.<br>4.8 Speċifika l-proċeduri ta' x'għandek tagħmel jekk tissuspetta li hemm l-asbestos fuq il-post tax-xogħol. |
| Ċertifikati | Il-junit tas-Saħħa u s-Sigurtà jista' jitlesta matul l-ewwel 10 ġimgħat tat-taħriġ u jagħti lill-istudent l-ECS card (Apprendistat) li biha jkun jista' jibda |

| | |
|---|---|
| | jaħdem f'postijiet tax-xogħol.<br><br>Mat-tlestija tal-apprendistat jingħataw dawn iċ-ċertifikati:<br><br>- Level 4 EQF (QCF3) Knowledge based Technical Diploma.<br>- Level 4 EQF (QCF3) National vocational Qualification (NVQ).<br>- AM2 certificate. (Ċertifikat AM2)<br>- Understand the Requirements for Electrical Installations BS 7671(current)<br>- Gold ECS (Electrician) card. |
| Korsijiet oħrajn | Dawn huma meħtieġa sabiex elektrixin ikun jista' jqabbad installazzjoni eżistenti jew ġdida mas-servizz tal-elettriku.<br>• Il-fehim tar-regolamenti tal-Electrical Installations BS 7671: kif emendat.<br>• Prinċipji, prattiċi u leġislazzjoni għall-verifikazzjoni inizjali tal-installazzjonijiet tal-elettriku.<br>• Prinċipji, prattiċi u leġislazzjoni għall-inspezzjoni perjodika, ittestjar u rappurtar tal-kundizzjoni tal-installazzjonijiet tal-elettriku. |
| Validita ta' cards | ECS u CSCS cards dwar saħħa u sigurtà għandhom ikunu imġedda bejn 18-il xhar u 3 snin. Dan jiddependi mill-livell tal-grad. |

| | **Is-sistema edukattiva Ċiprijotta** |
|---|---|
| Żmien ta' taħriġ | 3 snin kors ta' tagħlim<br>Sena esperjenza ta' xogħol professjonali<br><br>**L-Ewwel Sena:**<br>L-istudenti kollha jieħdu korsijiet komuni kemm fil-prattika u kemm fit-teorija.<br>**It-Tieni u t-Tielet sena:**<br>L-istudenti fit-tieni sena jagħżlu s-suġġett partikolari li jeħodhom fil-linja li jkunu għażlu, għalhekk ikunu f'pożizzjoni li jkomplu jispeċjalizzaw sa tmiem it-tielet sena. |

| | |
|---|---|
| VET systems<br><br>Sistemi vokazzjonali. | Ir-rankatura li qabdet l-ekonomija f'Ċipru tesiġi li STVE toffri għażla wiesgħa ta' programmi, suġġetti u speċjalizazzjoni professjonali. Dawn iridu jikkorrispondu ma' bidliet fl-attività ekonomika u jindirizzaw il-bżonnijiet kontemporanji u oħrajn li qegħdin jinħolqu u standards ta' ekonomija Ċiprijotta ikbar.<br><br>L-STVE timmira li tipprepara lill-individwu li dieħel fis-suq tax-xogħol li jiffunzjona b'mod dinamiku u kreattiv sabiex it-tagħlim u l-kisbiet ikunu jistgħu jitħaddmu għall-aqwa produttività.<br><br>Il-korsijiet u speċjalizżazzjonijiet tal-STVE huma miġbura taħt żewġ kapep:<br>- Studju Teoretiku u Studju Prattiku. |
| Livell tat-taħriġ | Livell 3 EQF |
| Kontenut (l-objettivi tal-kompetenzi) relatat ma' saħħa u sigurtà | Is-sillabu tal-kors ta' Teknixin fl-elettriku fih dan li ġej:<br>• Disinji tekniċi u elettriċi<br>• Miżuri ta' sigurtà fix-xogħol tal-elettriku.<br>• Introduzzjoni għall-installazzjonijiet elettriċi<br>• Introduzzjoni għall-automatizazzjoni<br>• Elettriku 1<br>• Saħħa u sigurtà<br>• Xogħol f'laboratorju fuq teknoloġija, PC u periferali tal-kompjuters<br>• Teknoloġija u elettronika analoga f'laboratorji. (Kors teoretiku u kors prattiku)<br>• Prinċipju u xogħol marbut ma' komunikazzjoni elettronika (Kors teoretiku u kors prattiku) |
| Learning outputs | Għan u Objettivi: Is-"sigurtà fl-użu tal-elettriku u fil-post tax-xogħol" għandu l-għan li jipprovdi lill-istudent bl-għarfien tal-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Din it-taqsima għandha l-għan li tipprovdi lill-istudent bit-tagħlim u l-ħiliet neċessarji li jgħinuh jipproteġi lilu nnifsu, jevita aċċidenti u/jew jagħti l-ewwel għajnuna fejn ikun hemm bżonn.<br><br>L-objettiv hu li l-istudent jifhem il-perikli li hemm fl-użu u fix-xogħol tal-elettriku, li jitgħallem kif jipproteġi lilu nnifsu u kif jitratta inċident tal-elettriku. Ma' dan jitgħallem kif juża defibrillatur, kif jagħti l-ewwel għajnuna u kif juża apparat tat-tifi tan-nar. |
| Ċertifikati | Ma hemm bżonn ta' ebda ċertifikat dwar saħħa u sigurtà f'Ċipru. |
| Korsijiet oħrajn | Dawn huma meħtieġa sabiex elektrixin ikun jista' jqabbad installazzjoni eżistenti jew ġdida mas-servizz tal-elettriku.<br>• Il-fehim tar-regolamenti tal-Electrical Installations BS 7671: kif emendat.<br>• Prinċipji, prattiċi u leġislazzjoni għall-verifikazzjoni inizjali tal- |

| | |
|---|---|
| | installazzjonijiet tal-elettriku.<br>• Prinċipji, prattiċi u leġislazzjoni għall-inspezzjoni perjodika, ittestjar u rappurtar tal-kundizzjoni tal-installazzjonijiet tal-elettriku. |